MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 764/2006

**IL-PULIZIJA
SPETTUR JOHANN FENECH**

**KONTRA**

**PETER ARGENTO ta' 68 sena, iben il-mejtin Paul u Jane nee' Carachi, imwieled tal-Pieta' nhar il-15.04.1944, residenti fil-fond Peter House, Hal-Saflieni Street, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 376444M;
DALE ARGENTO ta' 24 sena, iben Peter u Carmen nee' Ellul, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17.10.1989, residenti fil-fond Peter House, Hal-Saflieni Street, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 465187M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Peter Argento** u **Dale Argento** li gew akkuzati talli:

1. **Peter Argento wahdu talli** nhar it-8 ta’ April, 2006, ghall-habta tal-17.30hrs, fi Triq Benghajsa, Birzebbuga, waqt incident tat-traffiku bejn il-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni ALF837 u EBA424, sabiex jipprova jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, f’kull kaz iehor mhux imsemmi f’disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici, xjentement issoprima jew b’xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta’ reat;

3. U aktar talli ppermetta lil Dale Argento jsuq il-vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni EBA424 kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura minn dik il-persuna ma kinitx issehh polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;

4. **Lil Dale Argento wahdu** talli fl-istess data, lok, u hin, saq il-vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni EBA424 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura tal-marka Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni ALF837 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat li jammontaw ghal iktar minn Lm100.00 ghad-detriment ta’ Alfred Schembri minn Birzebbuga;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin, saq il-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni EBA424 b’manjiera perikoluza u traskurata, u b’velocita’ eccessiva;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, u hin ghamel uzu mill-imsemmija vettura kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura ma kinitx issehh polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.

Rat li z-zewg imputati wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom; kif ukoll illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, anke dan ghax mibghut il-kunsens ta' l-Avukat Generali.

Xehed l-Ispettur Johann Fenech dwar rapport li ghamlu l-Local Wardens 31 Stephen Cassar u 445 Gauci li qalulu li kienet sehhet kolluzjoni bejn Peugeot 307 u Peugeot 306 bin-numri tar-registrazzjoni ALF837 u EBA434, u li wiehed mill-partijiet kien ghamel dikjarazzjoni falza. Ghalhek skondthom Peter Argento kien stqarr li kien qieghed isuq il-vettura tieghu hu, minflok skond il-Warden kien qieghed isuqha ibnu Dale.

PS 827 Edward Grech minn naha tieghu, ukoll xehed dwar ir-rapport ta' dikjarazzjoni falza li allegatament kien ghamel Peter Argento.

Local Warden 31 Stephen Cassar xehed illi kien nizel fuq kolluzjoni. Staqsa lill-involuti ghax-xufiera, marru fuqu Peter Argento u Schembri. Fuq il-post kien hemm ukoll it-tifel ta' Argento – Dale. Qal illi tant Peter Argento ddikkjara li kien hu s-sewwieq illi anke ffirmalu fuq l-sketch ezebit a folio 37. Innega li hu seta' ma semax lil Peter Argento jghidlu li kien ibnu li kien qieghed isuq. Ezebixxa wkoll dokumenti ohra ta' dak li rrizultalu fuq il-post a folio 32 – 36, Dok GA.

Minn naha tieghu Philip Gauci xehed illi hu f'dan l-incident kien assistent tal-Warden 31. Qal illi fi Triq Benghajsa, Birzebbuga, fit-8 ta' April, 2006 marru fuq kolluzjoni. Hemm sabu lil Dale Argento, staqsewh min kien qieghed isuq u kkonferma li kien hu. Fuq suspett ta' rapport falz marru fl-Ghassa. Qal li dan is-suspett kien fil-konfront ta' Peter u Dale Argento. Dan is-suspett gihom ghax is-sewwieq l-iehor indika bhala s-sewwieq lil missier – Peter Argento. Ezebixxa r-rapport tieghu, Dok G, a folio 45.

Minn naha tieghu Christopher Darmanin ezebixxa Dok CD, in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Licenzji. Dan xehed li Dale Argento ma kellu ebda vettura registrata fuq

ismu. Minn naha l-ohra Peter Argento kellu registrata fuq ismu l-vettura Peugeot 306 EBA424, li kellha l-licenzja taghlaq f'Mejju 2008.

Paul Sciberras ghal Gasan & Mamo xehed illi l-vettura Peugeot 306 EBA42 kienet inxurjata mill-1 ta' Gunju, 2008 sal-31 ta' Mejju, 2009. Ghalhekk fit-12 ta' Gunju kienet giet ikkancellata. Xehed illi fit-8 ta' April, 2006 din kienet inxurjata third party fire and theft. Kienet inxurjata fuq Peter Argento. L-insurance kienet tkopri sewwieqa minn hamsa u ghoxrin sena u 'l fuq.

Ghazel illi jixhed minn jeddu Peter Argento. Qal illi dakinhar ta' l-incident kien cempillu ibnu Dale u qallu li kien gie milqut. Hu waqt l-incident kien id-dar rieqed. Mar fuq il-post ta' l-incident. Ikkonferma li ibnu kien habat bil-karozza tieghu (ta' Peter). Qal illi meta wasal il-Warden fuq il-post dan gennen lil kulhadd ghax kien mghaggel. Talbu u tah l-insurance u l-licenzja. Staqsieh ta' min kienet il-vettura; wiegbu li tieghu. Staqsieh min kien qieghed isuq; qal illi bil-fixla qallu li kien qieghed isuq hu. Qal illi wara ftit qal il-verita', li kien qieghed isuq it-tifel. Qal illi qallu wara li kien wiegbu, li kien hu li kien qieghed isuq, qallu "Stenna naqra mhux jiena imma lahaq kitibha. Jiena hsibtu ser ihassarha, ghidtlu li t-tifel kien qieghed isuq. Qalli li le, li jiena ma nirrangax." (folio 77).

Qal illi hu qal dan lill-Warden ghax dan il-Warden ghamel kollox bl-ghagla. Qal illi beda dan il-Warden iparla kemm mieghu kif ukoll ma' l-iehor, ghalhekk ma kienx jaf lil min kien qieghed jindirizza, ghalhekk tfixkel. Dwar ibnu qal illi dan qabad u ha l-karozza ghax miskin ma kienx jaf. Dan meta hu kien rieqed. Qal illi ghalhekk hu ma kienx jaf li ibnu ha l-vettura.

In kontro ezami pero qal illi hu ma kienx jaf li l-vettura kienet inxurjata ghal sewwieqa minn 25 sena u 'l fuq. Mistoqsi jek ibnu qallux jew staqsiehx qabel ma ha l-karozza, u li hu (Peter) qallu li seta' jmur dawra biha wiegeb:
"Jekk staqsieni jigifieri ta' malajr." (folio 81)

Dan qalu fil-konfront ta' ibnu.
Wara qal dwar dan:
"Ma nafx ta u forsi ma rrispondejtux, u qabad u telaq." (folio 82).
Zied:
"Eh qalli xi haga u telaq hux." (folio 82).

In kontro ezami, il-Warden 31 Cassar wiegeb illi meta staqsa min kienu x-xufiera marru fuqu Peter Argento u Alfred Schembri.

Qal ukoll illi waqt li kien qieghed ikellem lil Peter dan qabbad sigarett u allura mar ikellem lil Schembri. Kien hawn li Peter Argento gibidlu l-attenzjoni li kien ibnu li kien qieghed isuq. Ghalhekk hadhom l-Ghassa. Ikkonferma li s-sewwieq l-iehor Alfred Schembri, kien qallu li kien Dale li kien qieghed isuq.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubju ta' xejn mill-fatti jirrizulta fil-fatt illi Peter Argento kien ghamel dikjarazzjoni falza dwar min kien qieghed isuq il-karozza tieghu. Dan xehed li ghamel dan ghaliex kien fixklu bl-ghagla l-Warden. Pero donnu jinsa l-istess Peter Argento li anke jekk kien daqshekk imfixkel mill-Warden, huwa meta kien qieghed jigi mitkellem kellu anke cans li jiffirma l-sketch redatt mill-Warden, li ghalkemm mhux kapolavur ta' l-arti, zgur li ma kienx hekk redatt fi kwistjoni ta' sekondi. Nonostante l-fixla tieghu, xorta ghazel illi jiffirma l-istess sketch bhala s-sewwieq tal-vettura mahbuta.

Ir-risposti kif riprodotti li ta Peter Argento, juru wkoll bic-car illi hu kien konsapevoli li ibnu kien ser jiehu l-vettura. Imissu wkoll kien jaf illi din il-vettura setghet biss tinstaq minn persuna minn hamsa u ghoxrin sena 'l fuq.

Xejn izjed m'ghandha x'izzid din il-Qorti, hlief li ssib lil Peter Argento hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, cioe' l-ewwel tliet akkuzi, u dan wara li rat l-Artikoli 188, u 111 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib htija fil-konfront ta’ Dale Argento fil-konfront tas-sitt akkuza, u dan wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tilliberah pero mill-effetti tar-raba’ u l-hames akkuza, in kwantu mhumiex pruvati.

Dwar il-piena, fil-konfront ta’ Peter Argento qieghda, wara li rat il-fedina penali tieghu, tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena(1) sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, timponi fuqu interdizzjoni generali;
Tikkundannah ukoll ghal multa ta’ €582.50, u ghal sospensjoni ta’ kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ 6 xhur mill-lum.

Fil-konfront ta’ Dale Argento, tikkundannah ghal multa ta’ €582.50;
U ghal sospensjoni ta’ kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ 6 xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------